MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1702/2005

**Commercial Services Bureau (CSB) Ltd**
**vs**
**Palm Shipping Agency Limited**

Numru
Talba Numru 1702/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas ta' somma li ghandha tigi likwidata minn dan it-Tribunal u li ma teccedix elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) rapprezentanti kumpens ghas-servizz provdut u dan ai termini tal-ftehiem li gie ffirmat f'l-24 ta' Gunju 2003, b'l-imghaxx u b' l-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha qalet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda b'l-ispejjez stante li s-socjeta attrici ma tat ebda servizz ta' *recruitment* lill-kumpanija

konvenuta fil-konfront tal-impjegat relattiv ghat-talba ta'l-istess socjeta, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Christopher Vella, Matthew Pisani, Simon Bajada u Trevor Refalo.

Ra d-dokumenti esebiet.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-fatti principali tal-kaz in ezami (li mhumiex in kontestazzjoni) huma s-segwenti:

- Is-socjeta attrici tipprovdi *recruitment services*.
- F'24 ta' Gunju tas-sena 2003 is-socjeta konvenuta ikkuntrattat is-servizzi tas-socjeta attrici u accettat il-kundizzjonijiet taghhom billi iffirmat it-*terms and conditions* tas-socjeta attrici (ref Dok CS4 a fol 16).
- F'Ottubru tas-sena 2003 Simon Bajada, *managing director* tas-socjeta konvenuta, ikkomunika mas-socjeta attrici ghaliex is-socjeta konvenuta kellha *vacancy*; giet anke ffirmata *placement form* (ref Dok CS5 a fol 17). F'dan id-dokument, li huwa iffirmat mill-istess Simon Bajada, il-*vacancy* tidher li ghal *Junior Shipping Clerk*.
- F'Novembru 2003 is-socjeta attrici recviet talba ghas-servizzi taghha minghand certu Trevor Refalo li kien qed iffitex xoghol bhala *shipping clerk*.
- Is-socjeta attrici baghtet l-informazzjoni dwar din il-persuna lis-socjeta konvenuta li accettat li taghmel *interview*; prezenti ghall-*interview* kien hemm Simon Bajada. Refalo ma giex accettat ghax-xoghol.
- F'Marzu tas-sena 2004 certu Matthew Pisani *Freight Manager* mas-socjeta konvenuta kien iltaqa' ma dan Trevor Refalo (huma kienu hbieb) u prova jinteressah *f'vacancy* li kien hemm mas-socjeta konvenuta u anke irrangalu *interview* ma' Simon Bajada. Saret l-*interview* u Trevor Refalo gie impjegat.
- Refalo dam impjegat mas-socjeta konvenuta mit-12 ta' April 2004 sal-11 ta' April 2006 u kellu paga netta ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm375) fix-xahar.

- F'xi zmien fis-sena 2005 is-socjeta attrici kkuntatjat lil Trevor Refalo biex tinfurmah b'xi *vacancy* gdida li kien hemm pero dan infurmahom li hu kien impjega ruhu mas-socjeta konvenuta.
- Is-socjeta attrici, b'applikazzjoni ta' wahda mill-kundizzjonijiet li hi timponi fuq il-klienti taghha, (u cioe dik li tghid li jekk il-klient jimpjega persuna, li l-informazzjoni dwarha tkun ntbaghtet mis-socjeta attrici, fiz-zmien sena minn meta l-klient ikun inghata din l-informazzjoni allura l-hlas ghas-servizzi ikunu dovuta -- ref klawsola 5 fid-Dok CS4 a fol 16), pretendiet dan il-hlas minghand is-socjeta konvenuta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi fir-realta il-kontestazzjoni tas-socjeta konvenuta hija bazata fuq il-fatt li skond hi il-*vacancy* li ghaliha talbet is-servizzi tas-socjeta attrici (*junior shipping clerk*) hija differenti min dik li eventwalment gie impjegat Trevor Refalo u konsegwentement m'ghandhiex obbligu thallas l-ammont pretiz mis-socjeta attrici.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jhoss li ghandu jirrileva diversi punti li jihorgu mid-depozizzjoni tat-tlett xhieda prodotti mis-socjeta konvenuta u b'mod partikolari id-divergenzi u certi anomaliji:

1. Simon Bajada jghid li l-impjieg li ghalih talbu s-servizzi tas-socjeta attrici, u (li eventwalment gie mghoti fuq bazi part-time li impjegata taghhom stess) kien ta' shipping documentation mentri x-xoghol li ghalih gie impjegat Refalo kien ta' shipping trans-shippment.
2. Mattthew Pisani jghid li x-xoghol ta' Junior Shipping Clerk u li ghalih intalbu s-servizzi tas-socjeta attrici huwa xoghol relatat ma'l-agenziji u b'mod partikolari mal-freight forwarding mentri x-xoghol li gie impjgat ghalih Refalo kien il-containers ta' shipping line wahda partikolari.
3. Matthew Pisani jallega li huwa kien ilu habib ta' Trevor Refalo ghal snin, minkejja dan ma kienx jaf li Refalo ghamel interview biex jimpjega ruhu ma' l-istess kumpanija fejn kien jahdem hu. In oltre meta ltaqa ma' Refalo u allegatament infurmah bil-*vacancy* gdida li kien hemm Refalo ma semma xejn li kien diga mar ghal *interview* u li ma kienx gie accettat.

4. Trevor Refalo inniffsu jghid li l-ewwel *interview* li ghamel kien ghal xoghol fil-*shipping front office* mentri huwa gie impjegat wara t-tieni interview ghal *shipping operations*.
5. La Simon Bajada u lanqas Matthew Pisani (direttur u *manager* rispettivamnet tas-socjeta konvenuta) ma kienu f'pozizzjoni jghatu isem lill-kariga li suppost gie mpjegat fiha Refalo kuntrajament ghal dik il-kariga li ghaliha talba s-s*ervizzi tas-socjeta attrici u li jirreferu ghaliha bhala* Junior Shipping Clerk; dan minkejja d-differenza radikali li huma jaraw fiz-zewg karigi. L-unika ndikazzjoni hija mghotija minn Refalo meta f'l-ewwel parti tad-depozizzjon tieghi jirreferi ghal *operations clerk* u f'l-ahhar tad-depozizzjioni jirreferi ghal *shipping clerk in operations* kif distinta minn *shipping clerk front office*.
Fatturi dawn kollha, li fil-fehma tat-Tribunal jimpingu fuq il-verosimiljanza tal-versjonijiet moghtija.

Fil-fatt it-tentattivi ta' dawn il-persuni biex pruvaw jiddeskrivu d-differenzi bejn ix-xoghol li ghalih Refalo ghamel iz-zewg *interviews*, kellhom rizultat oppost ghax aktar ma pruvaw jghatu ezempji tad-differenzi aktar ikkonvincew lit-Tribnal li jekk hemm differenza bejn l-allegati zewg *posts* dawn huma minimi u jinvolvu aspetti differenti ta'l-istess kariga.

Tenut kont ta' dan u tal-fatti kollha tal-kaz, inkluz dak li s-socjeta konvenuta accettat li thallas ghas-servizzi provduti jekk timpjega lill-peruna lilha riferuta sa zmien sena minn meta dik il-persuna tigi hekk liha riferuta, it-Tribunal huwa tal-fehma li m'hemm xejn li fuqu s-socjeta konvenuta tista ssib appogg ghat-tezi taghha u cioe li m'ghandhiex thallas ghas-servizzi provduti mis-socjeta attrici.

Ghalhekk t-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas tas-servizzi provduti minnha tirrizulta sufficjentement pruvata.

Ghal dak li jirrigwarda kemm ghandha tithallas is-socjeta attrici jirrizulta li l-prezz miftiehem kien ta' *75% of a full month's salary, based on annual remuneration package, including all benefits* (ref Dok CS4).

L-unika prova li tressqet dwar l-intrjotu ta’ dan Trevor Refalo hija d-depozizzjoni ta’ l-istess Refalo li jghid li hu kien jaqla Lm375 net fix-xahar. Hemm ukoll id-depozizzjoni ta’ Simon Bajada li jghid li Refalo kien jaqla bejn wiehed u iehor Lm350 gross fix-xahar. M’hemm l-ebda ndikazzjoni jekk Refalo kellux xi beneficcji ohra. It-Tribunal japprezza pero li ghal din il-prova s-socjeta attrici kienet tiddependi interament fuq s-socjeta konvenuta ghalhekk huwa qieghed jiffissa l-ammont dovut *arbitrio bono viri* u dan fis-somma ta’ tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm 375).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsa is-somma ta’ tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm 375) b’l-imghaxx mill-11 ta’ April tas-sena 2004 u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------